KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

BOT

ippreżentati fil-31 ta' Jannar 2008 [1]

1. Dawn il-proċeduri għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Taljana dwar ir-reklamar għall-professjonijiet mediċi u l-kliniċi privati. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, ir-reklamar għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati huwa pprojbit fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali. Madankollu, dan ir-reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali u b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni huwa permess bil-kundizzjoni, minn naħa, li tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-awtorità lokali kompetenti, mingħajr mhuma speċifikati l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni, u, min-naħa l-oħra, li l-infiq relattiv għal dan ir-reklamar ma jaqbiżx il-5 % tad-dħul iddikjarat għas-sena preċedenti.

2. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-projbizzjoni li jsir reklamar għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali prevista minn din il-leġiżlazzjoni hijiex kompatibbli mad-dritt Komunitarju meta dan ir-reklamar huwa awtorizzat, taħt ċerti kundizzjonijiet, fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali.

3. F'dawn il-konklużjonijiet, jiena ser nindika li din il-projbizzjoni li jsir tali reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

4. Ser nispjega wkoll li, għalkemm Stat Membru jista' validament jimponi restrizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet bl-iskop li jipproteġi interess leġittimu bħas-saħħa pubblika, jeħtieġ madankollu li l-miżura inkwistjoni tkun adegwata sabiex jintlaħaq dan l-objettiv u li din ma teċċedix dak li hu meħtieġ għal dan il-għan. Ser nindika li, mill-mument li fih ir-reklamar għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati jiġi awtorizzat, taħt ċerti kundizzjonijiet, fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali, il-projbizzjoni tal-istess reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' proporzjonalità u għalhekk mhijiex kompatibbli mad-dritt Komunitarju.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

1. It-Trattat KE

5. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43 KE jipprojbixxi r-restrizzjonijiet għal-libertà tal-istabbiliment taċ-ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 43 KE, il-libertà ta' stabbiliment tinkludi d-dritt li tibda u teżerċita attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasha, kif ukoll li tikkostitwixxi u tmexxi impriżi.

6. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 KE jipprojbixxi r-restrizzjonijiet fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fi ħdan il-Komunità Ewropea fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat tal-Komunità li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi.

7. Bis-saħħa tal-Artikoli 48 KE u 55 KE, id-drittijiet stabbiliti permezz tal-Artikoli 43 KE u 49 KE jibbenefikaw minnhom ukoll il-kumpanniji stabbiliti f'konformità mal-liġijiet ta' Stat Membru u li għandhom l-uffiċċju reġistrat jew it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali tagħhom ġewwa l-Komunità.

8. Skont l-Artikolu 47(3) KE u b'applikazzjoni tal-Artikolu 55 KE, it-tneħħija tar-restrizzjonijiet li jmorru kontra l-Artikoli 43 KE u 49 KE, fir-rigward tal-professjonijiet mediċi, dawk relatati magħhom u dawk farmaċewtiċi, tiddependi mill-koordinazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tagħhom. Madankollu, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ammettew li l-effett dirett tal-Artikoli 43 KE u 49 KE, rikonoxxut fis-sentenzi Reyners [2] u van Binsbergen [3] rispettivament mill-1 ta' Jannar 1970, data tat-tmiem tal-perijodu ta' tranżizzjoni, kien jgħodd ukoll għall-professjonijiet tas-saħħa [4]. Minbarra dan, l-attivitajiet mediċi, dawk relatati magħhom u dawk farmaċewtiċi kienu s-suġġett ta' direttivi ta' koordinazzjoni [5].

9. Skont l-Artikoli 46(1) KE u 55 KE, l-Artikoli 43 KE u 49 KE ma jostakolawx ir-restrizzjonijiet iġġustifikati għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

2 — Sentenza tal-21 ta' Ġunju 1974 (2/74, Ġabra p. 631).

3 — Sentenza tat-3 ta' Diċembru 1974 (33/74, Ġabra p. 1299).

4 — B'hekk, fl-ewwel premessa tad-Direttiva tal-Kunsill 75/362/KEE, tas-16 ta' Ġunju 1975, dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina, inklużi miżuri intiżi sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ĠU L 167, p. 1), huwa indikat li, b'applikazzjoni tat-Trattat, kull trattament diskriminatorju bbażat fuq in-nazzjonalità fir-rigward ta' stabbiliment u ta' prestazzjoni ta' servizzi huwa pprojbit mit-tmiem tal-perijodu ta' tranżizzjoni.

5 — Ara, fir-rigward tal-attivitajiet tat-tobba, id-Direttivi tal-Kunsill 75/362 u 75/363/KEE, tas-16 ta' Ġunju 1975, dwar il-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi dwar l-attivitajiet tat-tobba (ĠU L 167, p. 14). Id-direttivi adottati f'dan ir-rigward ġew imħassra u ssostitwiti bid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, p. 22).

2. Id-dritt sekondarju

10. Fl-ambitu tad-Direttiva 89/552/KEE [6], il-leġiżlatur Komunitarju kkoordina l-liġijiet nazzjonali li jirregolaw ir-reklamar imxandar bit-televiżjoni.

11. Il-kunċett ta' "reklamar fuq it-televiżjoni" huwa ddefinit fl-Artikolu 1(ċ) tad-Direttiva 89/552 bħala li jfisser "kull forma ta' avviż imxandar sew bi ħlas kif ukoll għal remunerazzjoni simili jew imxandar għal skopijiet ta promozzjoni tagħha stess minn impriża pubblika jew privata inkonnessjoni ma' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex tiġi promossa l-provvista ta' oġġetti jew servizzi, inkluża proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi, bi ħlas".

12. Skont l-Artikolu 12(d) ta' din id-direttiva, ir-reklamar fuq it-televiżjoni u t-teleshopping m'għandhomx iħeġġu mġiba li tkun ta' preġudizzju għas-saħħa jew għas-sigurtà.

13. Skont l-Artikolu 14(1) tal-imsemmija direttiva, "[i]r-reklamar fuq it-televiżjoni għal prodotti mediċinali u kura medika disponibbli biss bir-riċetta tat-tabib fl-Istat Membru li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu ix-xandar għandu jiġi pprojbit". Skont il-paragrafu 2 tal-istess Artikolu, it-teleshopping, b'mod partikolari, għal kura medika għandu jiġi pprojbit.

14. Skont l-Artikolu 3(1) tal-istess direttiva, l-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jitolbu lix-xandara tat-televiżjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom sabiex iħarsu regoli iktar dettaljati jew iktar stretti fl-oqsma koperti minn din id-direttiva.

B — *Id-dritt nazzjonali*

15. Ir-reklamar għall-professjonijiet mediċi u l-kliniċi privati huwa regolat, fl-Italja, bil-Liġi Nru 175, tal-5 ta' Frar 1992 [7], kif emendata l-ewwel bil-Liġi Nru 42, tas-26 ta' Frar 1999 [8], sussegwentement bil-Liġi Nru 362, tal-14 ta' Ottubru 1999 [9], u fl-aħħar bil-Liġi Nru 112, tat-3 ta' Mejju 2004 [10], (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-1992").

6 — Direttiva tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 298, p. 23), kif emendata bid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 202, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 89/552").

7 — GURI Nru 50, tad-29 ta' Frar 1992, p. 4.

8 — GURI Nru 50, tat-2 ta' Marzu 1999, p. 4.

9 — GURI Nru 247, tal-20 ta' Ottubru 1999, p. 3.

10 — Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 82, tal-5 ta' Mejju 2004.

16. Id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-1992 li huma rilevanti għal din il-kawża huma dawn li ġejjin:

"*Artikolu 1*

1. Ir-reklamar dwar l-eżerċizzju tal-professjonijiet mediċi u l-professjonijiet mediċi awżiljarji previsti u regolati permezz tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ huwa awtorizzat biss fil-forma ta' plakki mwaħħla fuq il-bini li fih tiġi eżerċitata l-attività professjonali kif ukoll permezz ta' avviżi ppubblikati fid-direttorji telefoniċi, fid-direttorji professjonali ġenerali, f'perjodiċi intiżi esklużivament għal dawk li jeżerċitaw il-professjonijiet mediċi, fil-gazzetti ta' kuljum u f'rivisti ta' informazzjoni u fuq l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni lokali.

2. Il-plakki u r-riklami msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jikkontjenu biss l-indikazzjonijiet li ġejjin:

a) il-kunjom, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u jekk ikun il-każ l-indirizz professjonali, il-ħinijiet tal-viżti jew tal-ftuħ għall-pubbliku;

b) il-kwalifiki, titoli akkademiċi, titoli ta' speċjalizzazzjoni u tal-karriera, mingħajr abbrevjazzjonijiet li jistgħu jinduċu fi żball;

ċ) distinzjonijiet onorifiċi attribwiti jew rikonoxxuti mill-Istat.

3. L-użu tat-titolu ta' speċjalista huwa permess biss għal dawk li kisbu d-diploma relattiva skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ. Huwa pprojbit li jsir użu minn titoli, inkluż titoli ta' speċjalizzazzjoni miksuba barra mill-pajjiż, jekk ma jkunux rikonoxxuti mill-Istat.

4. Tabib mhux speċjalista jista' isemmi l-ispeċjalizzazzjoni partikolari li jeżerċita billi juża espressjonijiet li jirriproduċu l-isem uffiċjali tal-ispeċjalizzazzjoni u ma jwasslux għal żball jew dubju dwar il-pussess tat-titolu ta' speċjalizzazzjoni […]

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw ukoll għall-assoċjazzjonijiet tat-tobba u għall-kliem stampat fuq il-kotba tar-riċetti mill-kirurgi, dentisti, tekniċi dentali u veterinarji u fuq il-business cards użati minn dawk li jeżerċitaw il-professjonijiet l-oħra msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 2

1. Ir-reklamar fil-forma ta' plakki u ta' avviżi msemmija fl-Artikolu 1 jirrikjedi l-awtorizzazzjoni tas-sindku, li jagħtiha bi qbil mal-assoċjazzjoni professjonali li tagħha huwa membru l-applikant. […]

2. Għall-finijiet tal-għoti tal-awtorizzazzjoni muniċipali, il-persuna professjonali għandha tindirizza l-applikazzjoni tagħha lill-assoċjazzjoni jew lill-grupp professjonali kompetenti, flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tat-tip, tal-karatteristiċi u tal-kontenut tar-riklam. L-assoċjazzjoni jew il-grupp professjonali għandu jibgħat l-applikazzjoni lis-sindku, u jehmeż il-kunsens tiegħu magħha, fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha din tkun ġiet ippreżentata.

3. Għall-finijiet tal-għoti tal-kunsens, l-assoċjazzjoni jew il-grupp professjonali għandu jivverifika li d-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1 huma osservati u li l-karatteristiċi estetiċi tal-plakka, tar-riklam jew tas-sinjali msemmija fl-Artikolu 4 huma konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti minn regolament speċifiku adottat mill-Ministru tas-Saħħa, fuq parir tal-Kunsill Superjuri tas-Saħħa u, jekk ikun il-każ, tal-assoċjazzjoniijiet jew tal-gruppi professjonali, li jagħtu l-parir tagħhom fi żmien disgħin ġurnata mid-data tal-applikazzjoni.

3a. L-awtorizzazzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu mġedda biss jekk isiru modifiki għat-test oriġinali tar-riklam.

[…]

Artikolu 4

1. Ir-reklamar dwar il-kliniċi għall-kura privati u ċ-ċentri ta' konsultazzjoni u ta' kura li jispeċjalizzaw f'kamp wieħed jew iktar tal-kura tas-saħħa, li huwa suġġett għall-awtorizzazzjonijiet legali, huwa permess fil-forma ta' plakki jew sinjali mwaħħla mal-bini li fih tiġi eżerċitata l-attività professjonali, kif ukoll fil-forma ta' inserzjoni fid-direttorji telefoniċi, fid-direttorji professjonali ġenerali u f'perjodiċi intiżi esklużivament għall-membri tal-professjonijiet mediċi, fil-gazzetti ta' kuljum u f'rivisti perjodiċi ta' informazzjoni u fuq l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni lokali, bil-fakultà li jiġu indikati l-attivitajiet mediċi u kirurġiċi speċifiċi u r-riċetti dijanjostiċi u terapewtiċi effettivament imwettqa, bil-kundizzjoni li dawn l-indikazzjonijiet ikunu akkompanjati bl-isem, bil-kunjom u bit-titoli professjonali tal-persuni responsabbli għal kull settur speċjalizzat.

2. Huwa obbligatorju fil-każijiet kollha li jiġi indikat l-isem, il-kunjom u t-titoli professjonali tat-tabib responsabbli għas-superviżjoni medika.

[…]

Artikolu 5

1. Ir-reklamar imsemmi fl-Artikolu 4 huwa awtorizzat mir-reġjun, fuq parir tal-federazzjonijiet reġjonali tal-assoċjazzjonijiet jew tal-gruppi professjonali, meta dawn jeżistu, li għandhom jiżguraw il-pussess u l-validità tat-titoli akkademiċi u xjentifiċi, kif ukoll il-konformità tal-karatteristiċi estetiċi tal-plakka, tas-sinjal jew tar-riklam ma' dawk stabbiliti mir-regolament imsemmi fl-Artikolu 2(3).

[…]

3. Ir-riklami previsti f'dan l-artikolu għandhom jindikaw l-elementi msemmija mill-awtorizzazzjoni reġjonali.

4. Il-proprjetarji u d-diretturi mediċi responsabbli mill-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 4, li jirreklamaw fil-forom permessi mingħajr l-awtorizzazzjoni reġjonali, għandhom jinkorru s-sanzjonijiet dixxiplinari taċ-ċanfira jew tas-sospensjoni tal-eżerċizzju tal-professjoni medika […]

5. Meta r-riklam jikkontjeni informazzjoni falza fuq l-attivitajiet jew is-servizzi li l-isptar huwa awtorizzat li jipprovdi jew ma jinkludix l-indikazzjoni tad-direttur mediku, l-awtorizzazzjoni amministrattiva għall-eżerċizzju tal-attività medika għandha tiġi sospiża għal perijodu minn sitt xhur sa sena.

[…]

Artikolu 9a

Il-persuni li jeżerċitaw il-professjonijiet mediċi msemmija fl-Artikolu 1, kif ukoll l-istabbilimenti mediċi msemmija fl-Artikolu 4 jistgħu jirreklamaw fil-forom awtorizzati b'din il-liġi u sal-limitu ta' infiq ekwivalenti għal 5 % tad-dħul iddikjarat għas-sena preċedenti."

17. Il-qorti tar-rinviju semmiet ukoll il-Liġi Nru 248, tal-4 ta' Awwissu 2006, intitolata "Konverżjoni f'liġi, b'emendi, tad-Digriet Liġi Nru 223, tal-4 ta' Lulju 2006, dwar miżuri urġenti għar-rilanċ ekonomiku u soċjali, għal-limitazzjoni u għar-razzjonalizzazzjoni tal-infiq pubbliku, u miżuri fir-rigward tad-dħul u tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali" [11],

11 — Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 183, tal-11 ta' Awwissu 2006.

adottata wara li seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali.

18. L-Artikolu 2 ta' din il-liġi jipprovdi kif ġej:

"1. F'konformità mal-prinċipju Komunitarju ta' kompetizzjoni ħielsa u ma' dak tal-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi, u sabiex jiġi żgurat li l-utenti jkollhom għażla effettiva fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom u l-fakultà li jipparagunaw is-servizzi offerti fuq is-suq, mid-data tal-dħul fis-seħħ ta' dan id-digriet għandhom jiġu mħassra d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari li jipprevedu, fir-rigward tal-professjonijiet liberali u l-attivitajiet intellettwali:

[…]

b) il-projbizzjoni, anki parzjali, milli jsir reklamar ta' informazzjoni dwar id-diplomi u l-ispeċjalizzazzjonijiet professjonali, il-karatteristiċi tas-servizz offert kif ukoll il-prezzijiet u l-ispejjeż globali tas-servizzi, skont kriterji ta' trasparenza u ta' veraċità tal-messaġġ li l-osservanza tagħhom għandha tiġi żgurata mill-assoċjazzjoni;

[…]

2. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-eżerċizzju tal-professjonijiet fil-kuntest tas-Servizz nazzjonali ta' saħħa pubblika jew ta' relazzjoni kuntrattwali ma' dan tal-aħħar, kif ukoll għall-eventwali tariffi massimi stabbiliti minn qabel, b'mod ġenerali, fl-interessi tal-protezzjoni tal-utenti […]"

II — Il-kuntest fattwali

19. Dawn il-proċeduri oriġinaw minn kawża bejn Corporación Dermoestética SA [12], kumpannija regolata bid-dritt Spanjol li għandha bħala għan tal-kumpannija l-provvista ta' kura estetika kif ukoll ta' servizzi mediċi u kirurġiċi f'dan il-qasam, lill-kumpannija To Me Group Advertising Media Srl [13], aġenzija tar-reklamar.

20. Mis-sena 2003, Dermoestética bdiet teżerċita l-attivitajiet tagħha fl-Italja, fejn hija fetħet 24 ċentru ta' kura estetika u 21 ċentru mediku, imferrxa fi 23 belt.

21. Fl-10 ta' Ottubru 2005, Dermoestética daħlet fi ftehim ma' Advertising Media li permezz tiegħu din tal-aħħar kellha tippreżenta ħames riklami matul

12 — Iktar 'il quddiem "Dermoestética".

13 — Iktar 'il quddiem "Advertising Media".

il-programm televiżiv Verissimo, imxandar fuq l-istazzjon nazzjonali Taljan Canale 5 f'ħin li fih għadd kbir ta' nies ikunu qed jaraw it-televiżjoni. Il-prezz miftiehem kien ta' EUR 46 000 mingħajr taxxa, flimkien ma' EUR 4 000 bħala ħlas għall-aġenzija.

22. Wara li rċeviet ħlas akkont ta' EUR 2 000, Advertising Media informat lil Dermoestética li, minħabba l-leġiżlazzjoni applikabbli fl-Italja, kien impossibbli għaliha li xxandar ir-riklami previsti fil-kuntratt fuq stazzjoni televiżiv ta' xandir nazzjonali. Hija pproponiet li tfittex spazji ta' reklamar fuq stazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali b'żieda fil-prezz miftiehem.

23. Dermoestética talbet il-ħlas lura tas-somma ta' EUR 2 000. Wara r-rifjut tat-talba tagħha min-naħa ta' Advertising Media, hija ħadet proċeduri kontra din tal-aħħar quddiem il-Giudice di pace di Genova (L-Italja) għall-ħlas ta' din is-somma.

24. Quddiem dik il-qorti, Cliniche Futura Srl, kumpannija sussidjarja ta' Dermoestética stabbilita f'Genova, li fl-uffiċċji tagħha ġie konkluż il-kuntratt ikkontestat u li talbet li tintervjeni fil-proċeduri, sostniet li l-leġiżlazzjoni Taljana dwar ir-reklamar fuq it-televiżjoni għall-attivitajiet mediċi kienet tmur kontra l-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 43 KE.

III — Id-domandi preliminari

25. Kien f'dan il-kuntest li l-Giudice di pace di Genova ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 49 KE huwa kompatibbli ma' dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk tal-Artikoli 4, 5 u 9a tal-[Liġi tal-1992] u tad-Digriet Ministerjali Nru 657, tas-16 ta' Settembru 1994, u/jew ma' prassi amministrattivi li jipprojbixxu r-reklamar fuq it-televiżjoni ta' xandir nazzjonali fir-rigward ta' kura medika u kirurġika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati debitament awtorizzati għal dan il-għan, u dan anki meta l-istess reklamar huwa awtorizzat fuq stazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali, filwaqt li jimponu, għax-xandir ta' dan ir-reklamar, limitu ta' infiq ekwivalenti għal 5 % tad-dħul iddikjarat għas-sena preċedenti?

2) L-Artikolu 43 KE huwa kompatibbli ma' dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk tal-Artikoli 4, 5 u 9a tal-[Liġi tal-1992] u tad-Digriet Ministerjali Nru 657/1994 u/jew ma' prassi amministrattivi li jipprojbixxu r-reklamar fuq it-televiżjoni ta' xandir nazzjonali fir-rigward ta' kura medika u kirurġika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati debitament awtorizzati għal dan il-għan, u dan anki meta l-istess reklamar huwa awtorizzat fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali, filwaqt li jimponu,

għall-imsemmi xandir lokali, awtorizzazzjoni minn qabel li tinħareġ minn kull komun, fuq parir tal-assoċjazzjoni professjonali tal-provinċja ta' referenza, kif ukoll limitu ta' infiq ekwivalenti għal 5 % tad-dħul iddikjarat għas-sena preċedenti?

3) L-Artikoli 43 KE u/jew 49 KE jipprekludu li x-xandir tar-reklamar ta' informazzjoni fuq il-kura medika u kirurġika ta' natura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati debitament awtorizzati għal dan il-għan ikun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel addizzjonali li tinħareġ mill-awtoritajiet amministrattivi lokali u/jew mill-assoċjazzjonijiet professjonali?

4) Billi adottaw kodiċi ta' etika li jipprovdi limiti għar-reklamar tal-professjonijiet mediċi kif ukoll prassi interpretattiva tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fir-rigward ta' reklamar mediku li tillimita ħafna d-dritt tat-tobba li jirreklamaw l-attivitajiet tagħhom, liema miżuri għandhom, it-tnejn li huma, natura vinkolanti fil-konfront tat-tobba kollha, il-Federazione nazionale degli ordini dei medici (FNOMCEO) [(Federazzjoni nazzjonali tal-assoċjazzjonijiet tat-tobba, iktar 'il quddiem il-"FNOMCEO")] u l-assoċjazzjonijiet tat-tobba assoċjati illimitaw il-kompetizzjoni b'mod li jmur lil hinn minn dak li huwa permess mil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti u bi ksur tal-Artikolu 81(1) KE?

5) F'kull każ, il-prassi interpretattiva adottata mill-FNOMCEO tmur kontra l-Artikoli 3(1)(g) KE, 4 KE, 98 KE, 10 KE, 81 KE u eventwalment 86 KE, inkwantu din il-prassi hija permessa b'leġiżlazzjoni nazzjonali li titlob lill-assoċjazzjonijiet professjonali kompetenti fuq livell provinċjali li jivverifikaw it-trasparenza u l-veraċità tar-riklami mingħajr ma tindika l-kriterji u l-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' dan il-poter?"

IV — Analiżi

A — *Fuq l-għan tad-domandi preliminari u l-ammissibbiltà tagħhom*

26. Id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jistgħu jiġu kklassifikati f'żewġ gruppi. L-ewwel grupp huwa kkostitwit mill-ewwel sat-tielet domandi. B'dawn it-tliet domandi, il-qorti tar-rinviju tfittex li tevalwa l-kompatibbiltà mal-Artikoli 43 KE u 49 KE tal-Liġi tal-1992 safejn hija tipprojbixxi r-reklamar għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali.

27. It-tieni grupp ta' domandi jinkludi r-raba' u l-ħames domandi. Dawn iż-żewġ domandi jirrigwardaw kodiċi ta' etika adottat mill-FNOMCEO u l-prassi adottata minn din il-federazzjoni b'applikazzjoni ta' dan il-kodiċi. Dawn għandhom bħala għan li tiġi evalwata l-kompatibbiltà tal-imsemmi kodiċi u ta' din il-prassi ma' diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari, l-Artikolu 81 KE, li jipprojbixxi l-akkordji bejn impriżi li jmorru kontra s-suq komuni.

28. Il-Gvern Taljan iqajjem l-inammissibbiltà ta' dawn id-domandi kollha, minħabba li l-qorti tar-rinviju ma ħaditx inkunsiderazzjoni t-tħassir, permezz tad-Digriet Liġi Nru 223, tal-4 ta' Lulju 2006 [14], tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari li jipprojbixxu r-reklamar ta' informazzjoni mill-professjonijiet liberali u intellettwali.

29. Huwa jsostni wkoll li t-tielet sal-ħames domandi huma irrilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali, billi n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt konkluż bejn Dermoestética u Advertising Media huwa dovut għall-pożizzjoni meħuda minn din tal-aħħar u mhux għal rifjut min-naħa tal-kumpannija televiżiva Canale 5.

30. Il-Kummissjoni tqis, min-naħa tagħha, li l-ewwel grupp ta' domandi huwa ammissibbli. Min-naħa l-oħra, hija tesprimi dubji fuq l-ammissibbiltà tat-tieni grupp.

31. Jiena naqbel mal-Kummissjoni għal dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà taż-żewġ gruppi ta' domandi.

32. Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċeduri għal deċiżjoni preliminari, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, meta d-domandi mressqa jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi [15].

33. Huwa biss jekk jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tar-regola Komunitarja mitluba mill-qorti nazzjonali ma jkollha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex l-elementi fattwali jew tad-dritt neċessarji sabiex twieġeb b'mod utli għad-domandi magħmula lilha li dawn tal-aħħar jistgħu jiġu ddikjarati inammissibbli [16].

14 — GURI Nru 153, tal-4 ta' Lulju 2006, p. 4, iktar 'il quddiem id-"Digriet Liġi Nru 223/2006".

15 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2003, Bacardi-Martini u Cellier des Dauphins (C-318/00, Ġabra p. I-905, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 — *Ibidem* (punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34. Barra minn dan, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati prevista fl-Artikolu 234 KE, il-funzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u dawk tal-qorti tar-rinviju huma kjarament separati u hija esklużivament din tal-aħħar li għandha tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha [17].

35. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel grupp ta' domandi jidher li huwa tabilħaqq ammissibbli. Fil-fatt, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-effetti tad-Digriet Liġi Nru 223/2006 fuq l-eżitu tal-kawża prinċipali u mhux il-Gvern tal-Istat Membru li din il-qorti tifforma parti minnu [18]. Billi ressaq dan ir-rinviju preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Giudice di pace di Genova qies li dan id-digriet liġi, li huwa wkoll iċċita l-Artikolu 12 tiegħu, ma qiegħdx fid-dubju l-applikazzjoni tal-Liġi tal-1992 għall-kawża mressqa quddiemu. M'għandhiex tkun il-Qorti tal-Ġustizzja li tqiegħed fid-dubju din l-evalwazzjoni.

36. Għalhekk, l-argument tal-Gvern Taljan, li skontu l-imsemmi digriet liġi ħassar id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-1992 li jipprojbixxu r-reklamar, kif ukoll id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari kollha li jipprojbixxu lill-professjonijiet liberali u intellettwali milli jirreklamaw informazzjoni, ma jistax jiġi aċċettat u jirrendi l-ewwel grupp ta' domandi bla skop.

37. Barra minn dan, il-kwistjoni tal-konformità tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Liġi tal-1992 mal-Artikoli 43 KE u 49 KE mhijiex manifestament irrilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali.

38. Fil-fatt, li kieku dawn l-artikoli, jew wieħed minnhom, kellhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu dispożizzjonijiet li jipprovdu għal projbizzjoni ta' reklamar fuq it-televiżjoni bħal dik stabbilita permezz tal-Liġi tal-1992, tali dispożizzjonijiet ikollhom jiġu mwarrba mill-qorti nazzjonali, skont il-ġurisprudenza dwar l-effetti tas-supremazija ta' regola ta' dritt Komunitarju direttament applikabbli [19].

39. Min-naħa l-oħra, jiena għandi l-istess dubji tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tieni grupp ta' domandi.

40. Fil-fatt, dan il-grupp ta' domandi għandu bħala għan li tiġi evalwata l-konformità mad-dritt Komunitarju ta' kodiċi ta' etika adottat minn federazzjoni ta' tobba u tal-prassi adottata minn din il-federazzjoni b'applikazzjoni ta' dan il-kodiċi. Madankollu, il-qorti tar-rinviju ma pprovdiet ebda indikazzjoni fuq il-kontenut tal-imsemmi kodiċi u fuq din il-prassi. Hija lanqas ma spjegat b'liema mod l-eżami mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' dan l-istess kodiċi u tal-imsemmija prassi hija rilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali.

17 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, Piaggio (C-295/97, Ġabra p. I-3735, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Sentenza tat-13 ta' Novembru 2003, Neri (C-153/02, Ġabra p. I-13555, punt 35).

19 — Sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, Ġabra p. 629, punt 21).

41. Dan in-nuqqas ta' rilevanza jista' wkoll jidher manifest fid-dawl tal-fatt li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, Advertising Media spjegat li kien impossibbli għaliha li teżegwixxi l-obbligi kuntrattwali tagħha minħabba l-Liġi tal-1992, safejn din tipprojbixxi kull reklamar għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali, u mhux b'applikazzjoni tal-kodiċi adottat mill-FNOMCEO u tal-prassi li tirriżulta minnu.

42. Huwa għalhekk li nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tikkunsidra li r-raba' u l-ħames domandi jidhru manifestament irrilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali u tiddikjarahom inammissibbli.

B — *Fuq l-ewwel tliet domandi preliminari*

43. Bl-ewwel sat-tielet domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-Liġi tal-1992, safejn hija tipprojbixxi r-reklamar għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali, filwaqt li hija tawtorizza dan ir-reklamar, taħt ċerti kundizzjonijiet, fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali, hijiex konformi mal-Artikoli 43 KE u 49 KE.

44. Billi r-reklamar fuq it-televiżjoni fir-rigward ta' kura medika ġie armonizzat bid-Direttiva 89/552, għandu jiġi eżaminat jekk il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Liġi tal-1992 għandhiex tiġi eżaminata fid-dawl ta' din id-direttiva jew tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertajiet ta' moviment.

1. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt Komunitarju

45. Infakkar li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552 jipprojbixxi espressament ir-reklamar fuq it-televiżjoni għal prodotti mediċinali u kura medika disponibbli biss bir-riċetta tat-tabib fl-Istat Membru li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu x-xandar.

46. Għalhekk għandu jiġi evalwat jekk il-Liġi tal-1992, safejn hija tipprojbixxi r-reklamar għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali, tikkorispondix għall-implementazzjoni tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552.

47. Din id-direttiva ma tiddefinixxix b'mod iktar preċiż il-kura medika koperta bil-projbizzjoni ta' reklamar televiżiv stipulata fl-Artikolu 14(1) tagħha.

48. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni sostniet li l-kunċett ta' "kura medika" iċċitata f'dan l-artikolu kellu jiġi interpretat b'analoġija ma' dak ta' "prodotti mediċinali disponibbli biss bir-riċetta tat-tabib". Il-kunċett inkwistjoni b'hekk jikkorispondi għall-atti mwettqa minn tabib b'eżekuzzjoni tar-riċetta maħruġa minn tabib ieħor. Fil-qasam tal-kirurġija estetika, dan ikopri, pereżempju, l-operazzjonijiet intiżi sabiex jirrimedjaw il-konsegwenzi ta' inċident jew sabiex jikkoreġu malformazzjoni konġenitali. Min-naħa l-oħra, dan ma japplikax għall-atti mwettqa sempliċement fuq talba tal-pazjent.

49. Il-Gvern Olandiż isostni, min-naħa tiegħu, li, per definizzjoni, kull kura medika teħtieġ l-intervent ta' tabib, b'mod li l-frażi "disponibbli biss bir-riċetta tat-tabib" ma żżid xejn mal-kunċett ta' kura medika. Dan il-Gvern jesponi wkoll li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri iktar restrittivi minn dawk previsti fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 89/552.

50. Kuntrarjament għall-Gvern Olandiż, jidhirli li l-frażi "disponibbli biss bir-riċetta tat-tabib" hija tabilħaqq rilevanti sabiex tiġi ddeterminata l-portata tal-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552. Minbarra dan, ma jidhirlix li l-kriterju tar-riċetta medika għandu jiġi interpretat kif tissuġġerixxi l-Kummissjoni.

51. Fil-fatt, l-affermazzjoni li intervent tal-kirurġija estetika huwa jew mhuwiex kopert bl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552 skont jekk dan l-intervent sarx fuq riċetta ta' tabib ieħor jew jekk dan ġie deċiż mill-pazjent innifsu ma tippermettix li jiġi ddeterminat fil-każijiet kollha, minn qabel, jekk kura hijiex koperta jew le mill-projbizzjoni prevista f'dan l-artikolu. Fil-fatt, operazzjoni kirurġika, bħalma hija l-immudellar mill-ġdid tal-imnieħer jew tas-sider, jista' jsir fuq riċetta ta' tabib sabiex jiġu rrimedjati l-konsegwenzi ta' inċident tat-traffiku jew ta' marda. Din tista' titwettaq ukoll sempliċement fuq talba ta' pazjent, għax dan tal-aħħar ikun iddeċieda, għal raġunijiet purament estetiċi, li jimmodifika wiċċu jew dik il-parti mill-anatomija tiegħu u, f'dan il-każ, l-intervent tat-tabib jikkonsisti fil-verifika li dan l-intervent huwa tabilħaqq kompatibbli mal-istat ta' saħħa tal-pazjent.

52. Għalhekk, il-kriterju tar-riċetta tat-tabib, kif ippreżentat mill-Kummissjoni, ma jippermettix li tiġi implementata korrettament il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552. L-implementazzjoni ta' din il-projbizzjoni timplika fil-fatt li jkun magħruf, minn qabel, liema huma t-tipi ta' kura medika li għalihom ir-reklamar fuq it-televiżjoni huwa pprojbit. Il-kunċett ta' "kura medika", fis-sens tal-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva, bħal dak ta' "prodotti mediċinali", imsemmi fl-istess artikolu, għandu, fl-opinjoni tiegħi, jinftiehem li jkopri kura li hija eskluża, bħala tali, minn kull forma ta' reklamar fuq it-televiżjoni. Id-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu jirrikjedi għalhekk li l-kriterju tar-riċetta tat-tabib jiġi interpretat b'mod differenti.

53. Billi jsemmi, fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552, il-prodotti mediċinali u l-kura medika disponibbli biss bir-riċetta tat-tabib, il-leġiżlatur Komunitarju, fl-opinjoni tiegħi, ried jillimita l-projbizzjoni tar-reklamar fuq it-televiżjoni għall-prodotti mediċinali u għall-kura medika li l-għoti tagħhom huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni ta' tabib, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat. Dawn jikkonsistu għalhekk fi prodotti mediċinali u kura medika li l-konsum tagħhom ma jistax jitħalla għas-sempliċi evalwazzjoni tal-pazjent jew tal-konsumatur.

54. Din l-analiżi hija kkonfermata mit-tletin premessa tad-Direttiva 89/552, li skontha, fil-verżjoni tagħha bil-Franċiż, ir-reklamar fuq it-televiżjoni għandu jiġi pprojbit għal prodotti mediċinali u kura medika li huma disponibbli "biss" bir-riċetta tat-tabib fl-Istat Membru kkonċernat.

55. Din hija wkoll ikkollaborata bil-motivi li hemm wara tali projbizzjoni. Il-projbizzjoni ta' reklamar għal prodotti mediċinali u kura estetika stipulata fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552 tinsab wara l-projbizzjoni ta' kull forma ta' reklamar għas-sigaretti u għall-prodotti l-oħra tat-tabakk, prevista fl-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, u qabel id-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-reklamar fuq it-televiżjoni għax-xorb alkoħoliku, stipulati fl-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva. Dawn id-dispożizzjonijiet kollha għandhom l-għan li jħarsu s-saħħa pubblika.

56. Il-projbizzjoni tar-reklamar fuq it-televiżjoni għal prodotti mediċinali u l-kura medika disponibbli biss bir-riċetta tat-tabib hija spjegata bil-fatt li dawn għandhom jiġu kkunsmati jew amministrati biss f'każ ta' bżonn ikkonstatat minn tabib, għal finijiet strettament terapewtiċi u taħt il-kundizzjonijiet iddeterminati mit-tabib. Il-leġiżlatur Komunitarju għalhekk xtaq jipprojbixxi l-azzjonijiet intiżi sabiex jippromwovu x-xiri ta' tali prodotti mediċinali u tali kura li, jekk ma jkunux verament neċessarji u jekk ma jiġux ikkunsmati jew amministrati b'mod konformi mar-riċetti ta' tabib, jistgħu jipperikolaw is-saħħa tal-konsumatur.

57. Minn dan niddeduċi li l-leġiżlatur Komunitarju ried jillimita l-projbizzjoni tar-reklamar fuq it-televiżjoni għall-kura medika li tista' titwettaq biss bir-riċetta ta' tabib. Minn dan isegwi li, jekk kura medika tista' titwettaq fuq sempliċi talba ta' pazjent, kif jista' jiġri, fil-qasam tal-kirurġija estetika u skont il-leġiżlazzjoni Taljana, fil-każ tal-immudellar mill-ġdid tal-imnieħer jew tas-sider, jiena tal-opinjoni li dan ma jidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552.

58. Il-projbizzjoni tar-reklamar fuq it-televiżjoni prevista fil-Liġi tal-1992 hija għalhekk ħafna iktar wiesgħa minn dik prevista fid-Direttiva 89/552. Fil-fatt, il-Liġi tal-1992 tipprojbixxi r-reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali għall-professjonijiet mediċi u mediċi awżiljarji kif ukoll għall-kliniċi privati. B'mod iktar partikolari, skont l-ewwel sat-tielet domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju, l-effett ta' din il-liġi huwa li tipprojbixxi

kull reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati, filwaqt li, kif għadu kif intwera, mhux kull kura ta' dan it-tip hija disponibbli biss bir-riċetta tat-tabib, fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 89/552.

59. Madankollu, il-fatt li dawn id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-1992 b'hekk jistabbilixxu projbizzjoni tar-reklamar fuq it-televiżjoni iktar wiesgħa minn dik prevista mid-Direttiva 89/552 ma jirrendix l-imsemmija dispożizzjonijiet kuntrarji għad-dritt Komunitarju.

60. Kif enfasizza l-Gvern Olandiż, l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jistabbilixxu regoli iktar dettaljati u iktar stretti fl-oqsma koperti minn din tal-aħħar. Din id-dispożizzjoni ġiet interpretata bħala li tapplika għad-dispożizzjonijiet kollha previsti fil-Kapitolu IV tal-imsemmija direttiva [20], li l-Artikolu 14(1) tagħha jagħmel parti minnu. L-Istati Membri għalhekk għandhom id-dritt li jistabbilixxu miżuri iktar restrittivi minn dawk previsti f'dan l-artikolu fir-rigward tar-reklamar fuq it-televiżjoni għal prodotti mediċinali u kura medika.

61. Jeħtieġ madankollu li, fl-eżerċizzju ta' dan il-poter li jadottaw regoli iktar dettaljati jew iktar stretti, bħal fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rriżervati lilhom, l-Istati Membri ma jippreġudikawx il-libertajiet ta' moviment. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, meta l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' attività professjonali ma jkunux armonizzati, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sabiex jiddefinixxu l-eżerċizzju ta' din l-attività, iżda huma għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam fir-rispett tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat [21].

62. Huwa għalhekk fid-dawl tal-libertajiet ta' moviment stabbiliti permezz tat-Trattat li għandha tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Liġi tal-1992 mad-dritt Komunitarju.

63. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, din l-evalwazzjoni għandha ssir fid-dawl kemm tal-libertà ta' stabbiliment kif ukoll tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Jiena naqbel ma' din l-analiżi.

64. Il-kawża prinċipali oriġinat min-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt konklużminn Dermoestética, kumpannija regolata bid-dritt Spanjol, ma' Advertising Media, li kellu bħala għan ix-xandir ta' riklami fuq stazzjon televiżiv Taljan.

20 — Sentenza tad-9 ta' Frar 1995, Leclerc-Siplec (C-412/93, Ġabra p. I-179, punti 37 sa 44).

21 — Sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, Gräbner (C-294/00, Ġabra p. I-6515, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65. Jidhirli li s-sitwazzjoni legali ta' Dermoestética tabilħaqq taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43 KE, moqri flimkien ma' l-Artikolu 48 KE, billi l-konklużjoni tal-kuntratt ta' reklamar ma' Advertising Media kellu bħala għan il-promozzjoni tal-attivitajiet ta' din l-ewwel kumpannija fl-Italja permezz tas-sussidjarji tagħha [22].

66. Bl-istess mod, Dermoestética tidher li hija tabilħaqq id-destinatarja tas-servizzi ordnati mingħand Advertising Media u għalhekk hija tista' wkoll tipprevalixxi ruħha, f'din il-kwalità, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49 KE [23].

67. Jiena inklinat naħseb li, fid-dawl tal-għan li Dermoestética fittxet li tilħaq permezz tal-kuntratt ma' Advertising Media u tal-effetti tal-Liġi tal-1992 fuq il-kompetizzjoni, iċ-ċentru ta' gravità ta' din il-kawża jinsab iktar fuq in-naħa tal-libertà ta' stabbiliment. Madankollu, peress li l-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-portata tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi f'dan il-każ u peress li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Gourmet International Products [24], eżaminat leġiżlazzjoni fuq ir-reklamar għax-xorb alkoħoliku fid-dawl mhux biss tal-artikoli tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, iżda wkoll tal-Artikolu 49 KE, jiena ser nanalizza wkoll, fil-qosor, l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu.

22 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2002, Payroll *et* (C-79/01, Ġabra p. I-8923, punt 25).

23 — Sentenza tal-31 ta' Jannar 1984, Luisi u Carbone (286/82 u 26/83, Ġabra p. 377, punt 10).

24 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2001 (C-405/98, Ġabra p. I-1795).

68. Bl-ewwel sat-tielet domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju għalhekk tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 43 KE u 49 KE, moqrija flimkien mal-Artikoli 48 KE u 55 KE, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi r-reklamar għal kura medika u kirurġika ta' natura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali, filwaqt li hija tawtorizza tali reklamar, taħt ċerti kundizzjonijiet, fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali.

69. Jiena tal-opinjoni li għandha tingħata risposta affermattiva għal din id-domanda minħabba, l-ewwel nett, li tali projbizzjoni ta' reklamar tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikoli 43 KE u 49 KE u, it-tieni nett, minħabba li din ir-restrizzjoni ma tidhirx li hija ġġustifikata peress li dan ir-reklamar huwa possibbli taħt ċerti kundizzjonijiet fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali. Jiena ser neżamina kull wieħed minn dawn il-punti.

2. L-eżistenza ta' restrizzjoni

70. Il-libertà ta' stabbiliment stabbilita permezz tal-Artikoli 43 KE u 48 KE tagħti lill-kumpanniji stabbiliti inkonformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru d-dritt li jeżerċitaw attività indipendenti fi Stat Membru ieħor u li jeżerċitaw din l-attività fih b'mod permanenti taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju

reġistrat tagħhom f'dan l-Istat. Għalhekk l-Artikolu 43 KE jimponi t-tneħħija ta' miżuri diskriminatorji.

71. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma wkoll ikkunsidrati bħala restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment fis-sens ta' dan l-Artikolu il-miżuri kollha li jipprojbixxu, jimpedixxu jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà [25]. Fost dawn il-miżuri hemm dawk li, filwaqt li huma applikabbli indistintament, jaffettwaw modalità ta' eżerċizzju tal-attività kkonċernata u għandhom l-effett li jċaħħdu operatur ekonomiku minn mezz effikaċi ta' kompetizzjoni sabiex jippenetra s-suq [26].

72. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan kien il-każ, pereżempju, ta' miżura li tipprojbixxi kull stabbiliment ta' kreditu li jirċievi fondi mill-pubbliku milli jirremunera l-kontijiet ta' depożitu 'a vista' [27]. Hija adottat l-istess analiżi, fil-kuntest tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni li tipprojbixxi b'mod assolut lill-avukati milli jidderogaw mid-drittijiet minimi ffissati permezz ta' tariffa [28]. Dawn il-miżuri ġew ikkunsidrati sfavorevoli għall-operaturi ekonomiċi barranin billi dawn ċaħduhom minn mezz li kien jippermettilhom jikkompetu b'mod iktar effikaċi mal-professjonisti diġà stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti [29].

73. Huma għalhekk l-effetti tagħhom fuq l-aċċess għas-suq li jippermettu li dawn il-miżuri jiġu kkunsidrati "restrizzjonijiet" fis-sens tal-Artikoli 43 KE u 49 KE. L-imsemmija miżuri jikkostitwixxu restrizzjonijiet għal-libertajiet ta' moviment għaliex, billi jfixklu l-aċċess ta' operaturi ġodda għas-suq inkwistjoni, huma jikkostitwixxu oġġettivament ostakoli għal-libertajiet ta' moviment. Miżuri li jipprojbixxu jew jirrendu iktar diffiċli l-aċċess għas-suq ta' operaturi ekonomiċi ġodda jikkristalizzaw is-suq ikkonċernat fl-istat attwali tiegħu u huma għalhekk, minnatura tagħhom, kuntrarji għal-libertajiet ta' moviment u għall-kompetizzjoni, li fuqhom huwa bbażat is-suq komuni.

74. Ir-remunerazzjoni fuq kontijiet ta' depożitu 'a vista' mill-istabbilimenti ta' kreditu kif ukoll l-iffissar ħieles tad-drittijiet ġew għalhekk ikkunsidrati li huma mezzi leġittimi ta' kompetizzjoni meħtieġa sabiex ikun hemm aċċess għas-suq tal-Istat Membru

25 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, CaixaBank France (C-442/02, Ġabra p. I-8961, punt 11 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 — *Ibidem* (punt 12).

27 — *Idem*.

28 — Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2006, Cipolla *et* (C-94/04 u C-202/04, Ġabra p. I-11421, punti 58 u 59).

29 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq CaixaBank France (punt 13) u Cipolla *et* (punt 59). Fil-fatt, fis-sentenza CaixaBank France, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, meta stabbilimenti ta' kreditu, sussidjarji ta' kumpanija barranija, jippruvaw jidħlu fis-suq ta' Stat Membru, kompetizzjoni permezz tar-rata ta' remunerazzjoni fuq kontijiet ta' depożitu "a vista" tikkostitwixxi wieħed mill-iktar metodi effikaċi għal dan il-għan, b'mod li l-aċċess għas-suq għal dawn l-istabbilimenti isir iktar diffiċli bil-projbizzjoni kkontestata (punt 14). Bl-istess mod, fis-sentenza Cipolla *et*, iċċitata iktar 'il fuq, hija kkonstatat li l-projbizzjoni assoluta ta' deroga mit-tariffa minima ċċaħħad lill-avukati stabbiliti fi Stat Membru li mhuwiex ir-Repubblika tal-Italja mill-possibbiltà li jipprovdu, billi jitolbu drittijiet inqas minn dawk iffissati minn din it-tariffa, kompetizzjoni iktar effikaċi lill-avukati stabbiliti b'mod stabbli fl-Istat Membru kkonċernat u li, minħabba f'hekk, għandhom faċilitajiet akbar mill-avukati stabbiliti barra l-pajjiż biex ikollhom klijentela (punt 59).

ospitanti. Jidhirli li din l-analiżi għandha tiġi applikata għad-dritt li jsir ir-reklamar.

75. L-importanza tar-reklamar għall-aċċess għal suq diġà ġiet enfasizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija.

76. F'dan il-qasam, id-disposizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-reklamar huma analizzati bħala modalitajiet ta' bejgħ, fis-sens tal-ġurisprudenza żviluppata abbażi tas-sentenza Keck u Mithouard [30], b'mod li dawn ma jikkostitwixxux restrizzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 28 KE, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet huma applikabbli għan-negozjanti kollha li joperaw fit-territorju nazzjonali, u sakemm jaffettwaw bl-istess mod, fid-dritt u fil-fatt, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti nazzjonali u ta' dawk minn Stati Membri oħra [31].

77. Madankollu, fis-sentenza De Agostini u TV Shop [32], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma jistax jiġi eskluż li projbizzjoni totali, fi Stat Membru, ta' forma ta' promozzjoni ta' prodott, li huwa legalment mibjugħ fih, ikollha impatt ikbar fuq il-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra.

78. Fis-sentenza Gourmet International Products, iċċitata iktar 'il fuq, hija ddeċidiet fuq leġiżlazzjoni li tipprojbixxi kull xandir ta' riklami għax-xorb alkoħoliku intiżi għall-konsumaturi, ħlief għal xi eċċezzjonijiet ta' natura negliġibbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali projbizzjoni tar-reklamar għandha tiġi kkunsidrata li taffettwa b'mod iktar qawwi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra milli l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti nazzjonali u li għaldaqstant tikkostitwixxi ostakolu għall-kummerċ bejn l-Istati Membri li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 KE [33].

79. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat din l-analiżi fuq il-kunsiderazzjoni li, fir-rigward ta' prodotti, bħax-xorb alkoħoliku, li l-konsum tagħhom huwa marbut ma' prattiċi soċjali tradizzjonali kif ukoll ma' drawwiet u ma' użanzi lokali, projbizzjoni ta' kull reklamar intiż għall-konsumaturi permezz ta' riklami fl-istampa, fuq ir-radju u fuq it-televiżjoni, permezz ta' materjal mhux mitlub mibgħut bil-posta jew permezz tat-twaħħil ta' kartelluni fuq it-toroq pubbliċi, hija ta' natura li tfixkel iktar l-aċċess għas-suq ta' prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra milli l-aċċess għas-suq ta' prodotti nazzjonali, li magħhom il-konsumatur huwa naturalment iktar familjari [34].

80. Fis-sentenza Douwe Egberts [35], il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-istess konklużjoni bħal fis-sentenza Gourmet International

30 — Sentenza tal-24 ta' Novembru 1993 (C-267/91 u C-268/91, Ġabra p. I-6097).

31 — Sentenza Leclerc-Siplec, iċċitata iktar 'il fuq (punti 21 sa 23).

32 — Sentenza tad-9 ta' Lulju 1997 (C-34/95 sa C-36/95, Ġabra p. I-3843, punt 42).

33 — Sentenza Gourmet International Products, iċċitata iktar 'il fuq (punt 25).

34 — *Ibidem* (punt 21).

35 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 2004 (C-239/02, Ġabra p. I-7007, punt 53).

Products, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward ta' liġi nazzjonali li tipprojbixxi li jsiru, fir-reklamar ta' oġġetti tal-ikel, referenzi għat-tnaqqis tal-ħxuna u għal rakkomandazzjonijiet, attestazzjonijiet, dikjarazzjonijiet u pariri mediċi jew għal dikjarazzjonijiet ta' approvazzjoni.

81. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrestrinġi r-reklamar għal prodott b'mod sinjifikattiv hija għalhekk ta' natura li timpedixxi l-aċċess ta' dan il-prodott għas-suq. Jidhirli li din l-analiżi tista' tiġi applikata għas-servizzi.

82. Fil-fatt, ir-reklamar jidher tabilħaqq li huwa l-istrument essenzjali li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi li jinformaw lill-konsumaturi bl-eżistenza u bl-attivitajiet tagħhom. Dan għandu għalhekk rwol determinanti fil-possibbiltà għal kumpannija li tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru ġdid u li tiżviluppa fih l-attivitajiet tagħha. Ir-reklamar jikkostitwixxi wkoll il-mezz li bih l-operaturi ekonomiċi jippruvaw jikkonvinċu lill-konsumaturi jixtru s-servizzi tagħhom iktar milli dawk tal-kompetituri tagħhom. Dan jippermetti għalhekk lill-konsumaturi li jiksru d-drawwiet tagħhom u, għaldaqstant, jiffavorixxi l-kompetizzjoni.

83. Din l-importanza tar-reklamar fir-rigward tal-professjonijiet liberi tqiegħdet fid-dieher mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha dwar il-kompetizzjoni fis-settur tal-professjonijiet liberi [36]. Skont dan ir-rapport, ir-reklamar, b'mod partikolari ir-reklamar komparattiv, jista' jikkostitwixxi strument ta' kompetizzjoni kruċjali għall-impriżi li jkunu għadhom kif daħlu fis-suq [37].

84. Kif sostna l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li wasslet għas-sentenza Leclerc Siplec, iċċitata iktar 'il fuq, miżuri li jipprojbixxu jew jirrestrinġu r-reklamar severament iwasslu inevitabbilment sabiex jipproteġu l-manifatturi nazzjonali diġà stabbiliti u sabiex jirrendu iktar diffiċli d-dħul fis-suq ta' impriżi barranin. Il-libertà li jsir reklamar għalhekk tidher li hija korollarju tal-libertajiet ta' moviment previsti mit-Trattat [38].

85. L-għan ta' din l-analiżi mhuwiex li jintwera li kull projbizzjoni jew restrizzjoni sinjifikattiva tar-reklamar huma neċessarjament kuntrarji għad-dritt Komunitarju. Il-libertajiet ta' moviment jistgħu jiġu ristretti min-naħa tal-Istati Membri. Madankollu, dawn ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu ġġustifikati b'raġuni leġittima bħall-ħarsien tal-ordni pubbliku, tas-sigurtà pubblika jew tas-saħħa pubblika, jew b'raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.

86. Huwa biss il-każ li jiġi rikonoxxut li, fid-dawl tal-importanza tar-reklamar

36 — COM(2004) 83 finali/2.

37 — Punt 43.

38 — Punti 21 u 22.

għat-twettiq tas-suq komuni, projbizzjoni tar-reklamar jew limitazzjoni severa ħafna f'dan ir-rigward jikkostitwixxu, bħala regola, restrizzjoni għal-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat u dawn jistgħu jkunu kompatibbli mad-dritt Komunitarju biss jekk ikunu ġġustifikati.

87. Fil-kawża prinċipali, kumpannija bħal Dermoestética, li teżerċita l-attivitajiet tagħha fil-qasam tal-kura estetika u li fetħet stabbilimenti ta' kura f'diversi bliet fl-Italja, għandha bżonn tibni klijentela u, għalhekk, li ssir magħrufa mill-pubbliku inġenerali.

88. Barra minn dan, it-televiżjoni jikkostitwixxi mezz ta' informazzjoni li jilħaq udjenza wiesa' ħafna. Hija tippermetti li l-prodotti u s-servizzi ta' impriża jsiru magħrufa fit-territorju kollu ta' Stat Membru b'mod effikaċi ħafna. Is-suċċess ta' din il-forma ta' komunikazzjoni għall-professjonisti wassal ukoll lill-leġiżlatur Komunitarju sabiex jistabbilixxi, fid-Direttiva 89/552, ir-regoli u standards minimi li għandhom jiġu osservati fil-kuntest tar-reklamar fuq it-televiżjoni sabiex jiġu mħarsa l-konsumaturi kontra l-eċċessi ta' dan ir-reklamar, barra mill-obbligi msemmija fit-testijiet l-oħra ta' dritt sekondarju li jirregolaw ir-reklamar inġenerali [39] jew ir-reklamar għal prodotti speċifiċi, bħat-tabakk jew il-prodotti mediċinali.

89. Il-projbizzjoni li jsir ir-reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali, prevista bil-Liġi tal-1992, iċċaħħad għalhekk lil kumpannija bħal Dermoestética mill-possibbiltà li tagħmel użu minn mezz ta' informazzjoni partikolarment effikaċi sabiex il-pubbliku Taljan kollu jsir jaf bil-kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika offerta minn diversi sussidjarji tagħha fl-Italja. Din il-projbizzjoni għalhekk tikkostitwixxi, fl-opinjoni tiegħi, restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.

90. Jidhirli li din l-analiżi hija sostnuta bil-fatt li l-effetti tal-imsemmija projbizzjoni fuq impriża li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru ieħor mhumiex ikkumpensati jew imqar imnaqqsa bil-possibbiltà, prevista bil-Liġi tal-1992, li jsir tali reklamar fl-Italja fuq stazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali jew permezz ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

39 — Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, tal-10 ta' Settembru 1984, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi (ĠU L 250, p. 17). Dan l-att ġie emendat bid-Direttiva 97/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 1997 (ĠU L 290, p. 18), sabiex tinkludi reklamar komparattiv, u bid-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju malkonsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, p. 22). Id-Direttiva 84/450, kif emendata, ġiet imħassra u ssostitwita bid-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, p. 21).

91. Fil-fatt, din il-possibbiltà hi suġġetta għal żewġ kundizzjonijiet li, għal impriża barranija li tixtieq tistabbilixxi ruħha fl-Italja, jillimitaw inkontestabbilment il-portata tagħhom. L-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija l-kisba tal-awtorizzazzjoni tal-awtorità lokali kompetenti.

92. Ix-xandir ta' riklam fuq it-territorju kollu tar-Repubblika Taljana permezz tal-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali jobbliga għalhekk lil kumpannija bħal Dermoestética li tagħmel tant talbiet daqskemm hemm awtoritajiet reġjonali kompetenti, ħaġa li tidher manifestament li hija iktar ikkumplikata u iktar oneruża. Barra minn dan, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni Taljana ma tiddeterminax il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex tinkiseb din l-awtorizzazzjoni, b'mod li dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jvarjaw minn reġjun għal ieħor u b'mod li operatur ekonomiku bħal Dermoestética ma jistax ikun jafhom faċilment minn qabel.

93. It-tieni kundizzjoni hija li l-infiq sostnut għal dan ir-reklamar ma jeċċedix 5 % tad-dħul iddikjarat għas-sena preċedenti.

94. Kif tirrileva l-Kummissjoni, din il-kundizzjoni tikkostitwixxi wkoll ostakolu għall-istabbiliment fl-Italja ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor, billi, minn naħa, din tillimita l-possibbiltà tagħhom li jonfqu fl-ispejjeż li huma jqisu meħtieġa sabiex isiru magħrufa bil-mod l-iktar adegwat. Min-naħa l-oħra, billi tistabbilixxi dan il-limitu għal perċentwali tar-riżultati tas-sena preċedenti, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tipproduċi effetti "kaskata", fissens li l-limitazzjoni tar-reklamar tnaqqas ir-riżultati miksuba mill-impriża li, huma stess, jikkundizzjonaw l-ammont tal-infiq li jista' jiġi ddedikat għar-reklamar. Barra minn dan, l-impreċiżjoni tal-kunċett ta' dħul iddikjarat tikkostitwixxi diffikultà addizzjonali għal impriża barranija.

95. Fl-aħħar nett, il-kawża prinċipali turi li l-possibbiltà prevista fil-Liġi tal-1992 li jsir reklamar, suġġett għaż-żewġ kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5 u 9a ta' din tal-aħħar, fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali u permezz ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni ma ġietx meqjusa minn Dermoestética bħala soluzzjoni sodifaċenti li tista' tissostitwixxi l-impossibbiltà li jsir reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali.

96. Safejn il-Liġi tal-1992 tipprojbixxi kull reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati, hija għalhekk tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.

97. Barra minn dan, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu wkoll jiġu analizzati bħala restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali, fis-sens tal-Artikolu 49 KE.

98. Fil-fatt, safejn il-Liġi tal-1992 tipprojbixxi lil Advertising Media kif ukoll

lill-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali li jagħmlu reklamar għassussidjarji ta' Dermoestética fl-Italja, hija timpedixxi lil din tal-aħħar milli tibbenefika minn dawn il-provvisti ta' servizzi. Għalhekk tali projbizzjoni ta' reklamar, anki jekk hija applikabbli indistintament għallistabbilimenti mediċi privati ta' kumpanniji Taljani u għal dawk ta' kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stati Membri oħra, taffettwa l-offerta transkonfinali ta' reklamar televiżiv [40].

3. In-nuqqas ta' ġustifikazzjoni

99. Il-Gvern Taljan ma jinvoka ebda raġuni li tista' tiġġustifika r-restrizzjonijiet kontenuti fid-dispożizzjonijiet eżaminati tal-Liġi ta' 1992. Għall-kuntrarju, huwa jammetti impliċitament li dawn ir-restrizzjonijiet huma tabilħaqq inkompatibbli mad-dritt Komunitarju, billi jsostni li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni ġew imħassra bid-Digriet Liġi Nru 223/2006, li ġie adottat, skont l-Artikolu 2 ta' dan it-test, f'konformità mal-prinċipju ta' kompetizzjoni ħielsa sabiex jiġi żgurat li l-utenti għażla effettiva permezz ta' paragun tas-servizzi offerti fuq is-suq.

100. Advertising Media tesponi li r-restrizzjonijiet ikkontestati huma ġġustifikati b'raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bħall-ħarsien tas-saħħa pubblika.

101. Tabilħaqq, il-ħarsien tas-saħħa pubblika hija waħda mir-raġunijiet li, skont l-Artikoli 46 KE u 55 KE, tista' tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost l-interessi mħarsa bid-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jipprevedu d-derogi possibbli għall-projbizzjoni tar-restrizzjonijiet għal-libertajiet ta' moviment [41]. Il-ħarsien tas-saħħa pubblika huwa wkoll fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-libertajiet ta' moviment żgurati bit-Trattat.

102. Barra minn dan, billi r-reklamar firrigward tal-kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika mhijiex is-suġġett ta' regoli komuni jew armonizzati fuq livell Komunitarju, huwa kull Stat Membru li għandu jistabbilixxi l-livell ta' ħarsien tas-saħħa pubblika f'dan ir-rigward li jixtieq jiżgura u l-mod kif għandu jintlaħaq dan il-livell [42].

103. Fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fit-22 ta' Novembru 2007 fil-kawża Doulamis (C-446/05), li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiena sostnejt li l-ħarsien tas-saħħa pubblika seta' jiġġustifika li l-professjonisti fil-qasam tas-saħħa bħal min jipprovdi kura dentali jiġu pprojbiti milli jagħmlu reklamar li mhuwiex puramment informattiv. Jiena bbażajt il-pożizzjoni tiegħi fuq il-fatt li l-provvista ta' kura ma

40 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Gourmet International Products, iċċitata iktar 'il fuq (punt 39), u tat-13 ta' Lulju 2004, Il-Kummissjoni vs Franza (C-262/02, Ġabra p. I-6569, punt 26).

41 — Sentenza tal-10 ta' Novembru 1994, Ortscheit (C-320/93, Ġabra p. I-5243, punt 16).

42 — *Idem*.

tikkostitwixxix provvista ta' servizzi bħall-oħrajn, inkwantu din tipproduċu l-effetti tagħha fuq l-integrità fiżika tal-benefiċjarju u fuq l-ekwilibru psikiku tiegħu. Jiena għamilt ukoll referenza għall-fatt li l-qasam tas-saħħa jikkostitwixxi wieħed mill-oqsma li fihom id-differenza tal-livelli ta' konoxxenza bejn min jipprovdi s-servizz u l-benefiċjarju tiegħu hija l-iktar għolja, b'mod li dan tal-aħħar mhuwiex f'pożizzjoni li jevalwa realment il-kwalità tas-servizz li huwa jixtri.

104. Jidhrili li dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jiġu estiżi għall-qasam tal-kura estetika, peress li din tal-aħħar mhijiex limitata għal servizzi ta' benesseri, bħal massaġġi rilassanti jew waxing, iżda tieħu l-forma ta' interventi kirurġiċi veri u proprji, bħall-immudellar mill-ġdid ta' parti mill-wiċċ jew mill-ġisem.

105. Anki jekk tali interventi kirurġiċi jistgħu jsiru fuq talba ta' pazjent, mingħajr ma jkun hemm ħtieġa terapewtika reali, jiena tal-opinjoni li, minħabba r-riskji inerenti f'dan it-tip ta' atti mediċi u l-eventwali riperkussjonijiet tagħhom fuq livell psikiku, Stat Membru jista' leġittimament jipprovdi restrizzjonijiet fir-rigward tar-reklamar tagħhom lill-pubbliku. Għalhekk, nikkunsidra li huwa perfettament iġġustifikat li Stat Membru jipprojbixxi jew jirrestrinġi r-reklamar intiż sabiex jinkoraġġixxi lin-nies jimmodifikaw wiċċhom jew l-anatomija tagħhom.

106. Jeħtieġ madankollu li l-miżuri adottati għal dan il-għan ikunu adegwati sabiex jintlaħaq l-għan li huma jfittxu li jilħqu u li huma ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dan il-għan [43].

107. Projbizzjoni ta' reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika għandha tabilħaqq l-għan li tillimita r-reklamar għal tali servizzi lill-pubbliku u, għaldaqstant, li tħares is-saħħa pubblika. Madankollu, billi dan ir-reklamar huwa awtorizzat, taħt ċerti kundizzjonijiet, fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali, il-proporzjonalità tal-projbizzjoni ta' kull reklamar fuq l-istazzjonijiet ta' xandir nazzjonali tidher diffiċli sabiex tiġi difiża.

108. Fil-fatt, jekk il-leġiżlatur Taljan qies li l-kundizzjonijiet imposti fuq tali reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali kienu adegwati sabiex iħarsu s-saħħa pubblika, ma nifhimx għaliex tali kundizzjonijiet ma jistgħux jiġu applikati wkoll għall-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali. Xejn ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li t-telespettaturi għandhom ikunu inqas imħarsa meta huma jaraw l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali.

43 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 1991, Aragonesa de Publicidad Exterior u Publivía (C-1/90 u C-176/90, Ġabra p. I-4151, punt 16).

109. Kif tenfasizza l-Kummissjoni, il-Liġi tal-1992 hi għalhekk ivvizzjata b'inkoerenza ċerta, peress li, jekk l-intenzjoni tal-leġiżlatur Taljan kienet realment li jipproteġi s-saħħa tat-telespettaturi billi jipprojbixxi r-reklamar fuq it-televiżjoni għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika, huwa kien imissu estenda din il-projbizzjoni għall-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali.

110. Il-Liġi tal-1992 tippreżenta, f'dan ir-rigward, l-istess kontradizzjoni bħal-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni fis-sentenza Payroll *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

111. Dik il-leġiżlazzjoni imponiet fuq l-impriżi ta' inqas minn 250 impjegat li xtaqu jassenjaw it-tħejjija u l-istampar tal-pay slips tagħhom lil ċentri esterni ta' pproċessar ta' data li jirrikorru biss għand ċentri kkostitwiti u komposti esklużivament minn persuni rreġistrati mal-assoċjazzjoni ta' ċerti professjonijiet fl-Italja. L-imsemmija leġiżlazzjoni ġiet ikkunsidrata li kienet restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment ta' kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fl-Italja sabiex jipprovdu servizzi tal-informatika għat-tħejjija u għall-istampar tal-pay slips.

112. Il-Gvern Taljan sostna li din ir-restrizzjoni kienet iġġustifikata mill-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, f'dan ir-rigward, li, skont il-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni, iċ-ċentri ta' pproċessar li ma kinux ikkostitwiti u komposti biss minn konsulenti tax-xogħol u tal-impjieg jew minn persuni ta' status ekwivalenti setgħu joffru servizzi ta' tħejjija u ta' stampar ta' pay slips lil impriżi ta' iktar minn 250 impjegat, li ma jidhirx li f'dan ir-rigward kellhom igawdu inqas ħarsien minn dawk li jaħdmu għall-impriżi b'persunal inqas kbir. Minn dan hija ddeduċiet li, billi d-dmirijiet inkwistjoni ma setgħux ikunu inqas kumplessi meta jiżdied in-numru ta' impjegati kkonċernati, id-dispożizzjoni kkontestata kienet tmur, f'kull każ, lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' ħarsien tagħha [44].

113. Il-projbizzjoni ta' kull reklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali għal kura medika u kirurġika fil-qasam tal-kura estetika tidher għalhekk li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-ħarsien tas-saħħa pubblika. Din l-analiżi hija kkonfermata wkoll bil-fatt li, skont l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Gvern Taljan matul is-seduta, din il-projbizzjoni tolqot biss l-istabbilimenti mediċi privati.

114. Għaldaqstant, leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi r-reklamar għal kura medika u kirurġika ta' natura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali, filwaqt li hija tawtorizza tali reklamar, taħt ċerti kundizzjonijiet, fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali, tmur kontra l-Artikoli 43 KE u 49 KE, moqrija flimkien mal-Artikoli 48 KE u 55 KE.

44 — Sentenza Payroll *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 37).

V — Konklużjoni

115. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li tingħata r-risposta segwenti għad-domandi magħmula mill-Giudice di pace di Genova:

"L-Artikoli 43 KE u 49 KE, moqrija flimkien mal-Artikoli 48 KE u 55 KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi r-reklamar għal kura medika u kirurġika ta' natura estetika mwettqa fi stabbilimenti mediċi privati fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir nazzjonali, filwaqt li hija tawtorizza tali reklamar, taħt ċerti kundizzjonijiet, fuq l-istazzjonijiet televiżivi ta' xandir lokali."